bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Stephen Gatt)
vs
Joseph Buhagiar, iben
Emanuel, imwieled
Żabbar fl-14 ta' april, 1948

Illum, 10 ta' ottubru, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat talli fil-21 ta' lulju, 2001 għal ħabta tal-11.00 p.m. ġewwa Triq M A Vassalli kantuniera ma Triq Sliema, Gżira:
a. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PC504 S Ellul, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienet qed taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
b. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' PC504 S Ellul, persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu jew b'xi mod ieħor bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliehx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skond il-liġi jew b'xi mod ieħor li jkun;
ċ. talli fl-istess lok, jum, ħin u ċirkostanżi għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kiem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-seduta tal-10 ta' ottubru, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 96(a) u 338(bb)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin liri maltin (Lm50).